

31979R0235

L 34/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.2.1979

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 235/79****tal-5 ta' Frar 1979****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1696/71 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħops rigward il-verifika ta' l-ekwivalenza taċ-ċertifikat tal-validità li jkun hemm mal-ħops impurtat minn pajjiżi mhux membri**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 43 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidrat l-fehma tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,Billi l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħops <sup>(2)</sup>, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1170/77 <sup>(3)</sup>, jaħseb biex l-ekwivalenza għaċ-ċertifikati tal-validità tal-Komunità li jkun hemm mal-ħops impurtati minn pajjiżi mhux membri maħruġa mill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' l-oriġni għandhom ikunu vverifikati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1978;

Billi preżentament numru limitat biss ta' pajjiżi mhux membri qegħdin jiżguraw li l-ħops li jesportaw lill-Komunità huwa tal-kwalità karatteristika meħtieġa u ħatru korpi biex joħorġu ċ-ċertifikati tal-verifika skond il-każ; billi l-ekwivalenza ta' tali xiehda mqabbla maċ-ċertifikati tal-Komunità għiet rikonossuta;

Billi ċerti pajjiżi oħra li mhumieħ membri jeħtieġu aktar ħin biex iwaqqfu l-proċeduri amministrattivi u spezzjonijiet meħtieġa;

Billi, barra minn hekk, ix-xejra fis-suq dinji tal-ħops tindika li pajjiżi produttori ġodda se jidħlu f'dan is-suq fil-ġejjieni qrib; billi għalhekk jidher siewi li ma jiġux stabbiliti d-dati finali għall-verifika ta' l-ekwivalenza tal-validità taċ-ċertifikati li jkun hemm mal-prodotti esportati minn dawn il-pajjiżi lejn il-Komunità,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 il-kliem "sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1978" jrid jitħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Frar 1979.

*Għall-Kunsill**Il-President*

P. MEHAIGNERIE

<sup>(1)</sup> Opinjoni mogħtija fid-19 ta' Jannar 1978 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).<sup>(2)</sup> ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 137, tat-3.6.1977, p. 7.